KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 27.04.2006
KUMM(2006) 191 finali

2006/0064 (CNS)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar ta' Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Federazzjoni Russa dwar l-ammissjoni mill-ġdid

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Federazzjoni Russa dwar l-ammissjoni mill-ġdid

(preżentati mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

I. Qafas politiku u legali

Fl-istrateġija komuni ta' l-UE ta' l-4 ta' Ġunju 1999 dwar ir-Russja, il-konklużjoni ta' ftehim dwar ammissjoni mill-ġdid ma' dan il-pajjiż kienet waħda mill-miżuri proposti. Fit-18 ta' Settembru 2000, il-Kunsill ta' l-Affarijiet Ġenerali formalment awtorizza l-Kummissjoni biex tinnegozja ftehim ta' ammissjoni mill-ġdid bejn il-Komunità Ewropea u l-Federazzjoni Russa. F'April 2001, il-Kummissjoni ttrażmettiet abbozz ta' test lill-awtoritajiet Russi u, wara l-ftehim politiku milħuq dwar il-kwistjoni ta' Kalingrad dwar it-tranżitu fil-laqgħa għolja bejn l-UE u r-Russja f'Novembru 2002, ir-Russja fissret ir-rieda tagħha biex tidħol f'negozjati formali. L-ewwel sessjoni ta' negozjati saret f'Moska fit-23 ta' Jannar 2003 u saru disa' sessjonijiet oħra fis-27/28 ta' Frar 2003, fit-13/14 ta' Ottubru 2003, fl-24/25 ta' Frar 2004, fil-21 ta' Ottubru 2004, fis-7 ta' Diċembru 2004, fil-15 ta' Marzu 2005, fit-3 ta' Mejju 2005, fit-12 ta' Lulju 2005 u fit-8 ta' Settembru 2005, darba f'Moska u darba fi Brussell u, minn Ottubru 2004, b'mod parallel ("*back-to-back*") ma' negozjati dwar ftehim ta' faċilitazzjoni tal-viża bejn il-KE u r-Russja. Barra minn hekk negozjati formali tħejjew minn żmien għal żmien permezz ta' laqgħat informali ta' esperti.

F'laqgha ma' l-ajjutant Presidenzjali Victor Ivanov fil-Kremlin fis-16 ta' Settembru 2005, delegazzjoni ta' livell għoli tal-Kummissjoni Ewropea mmexxija mill-Viċi President Franco Frattini rnexxielha tagħmel "pakkett ta' trattat" u tilħaq ftehim politiku dwar it-testi finali tal-ftehim dwar il-faċilitazzjoni tal-viża u l-ammissjoni mill-ġdid. Dan il-kompromess finali kien is-suġġett ta' diskussjonijiet dettaljati fil-COREPER fil-21 u fid-29 ta' Settembru 2006 u, wara negozjati ta' l-aħħar minuta man-naħa Russa dwar, b'mod partikolari, il-limiti ta' żmien dwar it-tweġibiet ta' l-applikazzjonijiet tal-ammissjoni mill-ġdid, it-testi finali taż-żewġ ftehimiet kienu eventwalment approvati mill-Kunsill ta' l-Affarijiet Ġenerali fit-3 ta' Ottubru 2005 u, jum wara, mil-laqgħa għolja bejn l-UE u r-Russja. It-testi tal-ftehimiet dwar l-ammissjoni mill-ġdid u tal-faċilitazzjoni tal-viża kienu inizjalati (l-ewwel u l-aħħar paġna) fl-okkażjoni tal-laqgħa Troika PPC JHA bejn il-Federazzjoni Russa u l-UE fit-13 ta' Ottubru 2005 fil-Lussemburgu. L-inizjalar formali tat-testi sħaħ taż-żewġ ftehimiet sar f'Moska fl-4 ta' April 2006.

L-Istati membri kienu informati regolarment u kkonsultati fl-istadji kollha (informali u formali) tan-negozjati ta' l-ammissjoni mill-ġdid.

Min-naħa tal-Komunità, il-bażi legali tal-Ftehim huwa l-Artikolu 63 para. 3 lit. B), flimkien ma' l-Artikolu 300 TKE.

Il-proposti mehmuża huma l-istrument legali tal-firma u l-konklużjoni tal-ftehim ta' l-ammissjoni mill-ġdid. Il-Kunsill għandu jiddeċiedi b'maġġoranza kwalifikata. Il-Parlament Ewropew għandu jkun ikkonsultat formalment dwar il-konklużjoni tal-Ftehim, skond l-Art. 300 para. 3 Trattat KE.

Id-deċiżjoni proposta dwar il-konklużjoni tfassal l-arranġamenti interni neċessarji għall-applikazzjoni prattika tal-Ftehim. B'mod partikolari, tispeċifika li l-Kummissjoni, megħjuna minn esperti mill-Istati Membri, tirrappreżenta lill-Komunità fi ħdan il-Kumitat Konġunt ta' Ammissjoni mill-Ġdid imwaqqaf bl-Artikolu 19 tal-Ftehim. Skond l-Artikolu 19 (5), il-kumitat ta' l-ammissjoni mill-ġdid jista' jadotta r-regoli tiegħu ta' proċedura. Bħal fil-każ ta' ftehimiet o ħra ta' ammissjoni mill-ġdid li ġew konklużi s'issa mill-Komunità, il-pożizzjoni tal-

Kummissjoni f'dan ir-rigward għandha tkun stabbilita mill-Kummissjoni b'konsultazzjoni ma' kumitat speċjali maħtur mill-Kunsill[1]. Dwar deċiżjonijiet oħra li għandhom jittieħdu mill-Kumitat Konġunt, il-pożizzjoni tal-Komunità għandha tkun stabbilita skond id-dispożizzjonijiet applikabbli tat-Trattat.

II. Ir-Riżultat tan-negozjati

Il-Kummissjoni tikkonsidra li l-għanijiet iffissati mill-Kunsill fid-direttivi tagħha dwar in-negozjar intlaħqu u li l-abbozz tal-Ftehim ta' l-Ammissjoni mill-Ġdid huwa aċċettabbli għall-Komunità.

Il-kontenut finali tiegħu jista' jinġabar fil-qosor kif ġej:

- Il-Ftehim huma mqassam fi 8 taqsimiet bi 23 artikolu b'kollox. Fih ukoll 6 annessi, li jiffurmaw parti integrali minnu, u 4 dikjarazzjonijiet konġunti.

- L-obbligi ta' l-ammissjoni mill-ġdid imfassla fil-Ftehim (Artikoli 2 u 5) huma fformulati b'mod totalment reċiproku, u jinkludu ċ-ċittadini tagħhom stess (Artikoli 2 u 4) kif ukoll ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni mingħajr stat (Artikoli 3 u 5).

- L-obbligi biex jiddaħħlu mill-ġdid iċ-ċittadini tagħhom stess (Artikoli 2 u 4) jinkludi wkoll dawk li kienu ċittadini tagħhom u li rrinunzjaw għaċ-ċittadinanza mingħajr ma ħadu ċ-ċittadinanza jew awtorizzazzjoni ta' residenza ta' Stat ieħor. Barra minn hekk, l-Artikoli 2 u 4 huma ssupplimentati b'dikjarazzjoni konġunta dwar in-nuqqas taċ-ċittadinanza.

- L-obbligu li jiddaħħlu mill-ġdid ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni mingħajr stat (Artikoli 3 u 5) huwa konness mal-prerekwiżiti li ġejjin: (a) il-persuna kkonċernata għandha fi żmien is-sottomissjoni ta' l-applikazzjoni ta' ammissjoni mill-ġdid viża valida maħruga mill-Istat li lilu saret it-talba u daħlet direttament mit-territorju ta' dan l-Istat, jew (b) il-persuna kkonċernata għandha fi żmien is-sottomissjoni ta' l-applikazzjoni ta' l-ammissjoni mill-ġdid awtorizzazzjoni ta' residenza valida maħruġa mill-Istat li lilu saret it-talba, jew (c) il-persuna daħlet fit-territorju ta' l-Istati li lilu għamlet it-talba direttament mit-territorju ta' l-Istat fejn għamlet it-talba. Eżenti minn dawn l-obbligi huma l-persuni li jgħaddu min-naħa ta' l-ajru u l-persuni kollha li ngħataw mill-Istat li għamel it-talba, viża b'aċċess liberu jew viża jew awtorizzazzjoni ta' residenza b'perjodu itwal ta' validità. L-interpretazzjoni tal-kliem "daħlet direttament" kienet iċ ċarata f'dikjarazzjoni konġunta.

- Bħala tpattija talli l-Federazzjoni Russa qablet ma' l-obbligazzjoni msemmija qabel dwar l-ammissjoni mill-ġdid ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni mingħajr stat (Artikoli 3 u 5), il-Komunità Ewropea aċċettat it-talba Russa biex tipposponi bi tliet snin id-dħul fis-seħħ tal-Ftehim dwar l-applikabilità ta' dawn l-obbligi (Artikolu 23 para. 3). Matul dak il-perjodu tranżitorju ta' tliet snin, l-Artikoli 3 u 5 tal-Ftehim jkunu japplikaw biss għall-persuni mingħajr stat u ċittadini minn pajjiżi terzi li mag ħhom il-Federazzjoni Russa kkonkludiet trattati bilaterali jew arranġamenti dwar l-

[1] B'Deċiżjoni tad-19 ta' Diċembru 2002, il-Kunsill ħatar il-Grupp tal-Ħidma dwar il-Migrazzjoni u t-Tkeċċija bħala l-korp responsabbli mill-għajnuna u l-konsultazzjonijiet mal-Kummissjoni dwar in-negozjar ta' ftehimiet ta' ammissjoni mill-ġdid (dok. tal-Kunsill 15649/02 MIGR 143).

ammissjoni mill-ġdid.

- Dwar ċittadini minn pajjiżi terzi u persuni mingħajr stat li dwarhom tat tweġiba po żittiva għall-applikazzjoni għall-ammissjoni mill-ġdid, il-Federazzjoni Russa taċċetta l-użu tad-dokument tal-vjaġġ standard ta' l-UE għal skopijiet ta' tkeċċija (Artikolu 3 para. 3);

- Il-Ftehim fih taqsima dwar operazzjonijiet ta' tranżitu (Artikoli 14 u 15 flimkien ma' anness 6);

- Taqsima III tal-Ftehim (Artikoli 6 sa 13 flimkien ma annessi 1 sa 5) fiha d-dispo żizzjonijiet tekniċi neċessarji dwar il-proċedura ta' ammissjoni mill-ġdid (applikazzjoni għall-ammissjoni mill-ġdid, mezzi ta' prova, limiti ta' żmien, modalitajiet ta' trasferiment u metodi ta' trasport). Xi flessibbiltà proċedurali tiġi mill-fatt li ma tkun meħtieġa ebda ammissjoni mill-ġdid f'każi li fihom persuna li tkun ammessa mill-ġdid għandha passaport nazzjonali validu u, jekk hu jew hi ċittadin/a ta' pajjiż terz, fil-pussess ukoll ta' viża valida jew awtorizzazzjoni ta' residenza ta' l-Istat li ser jerġa jda ħħluh/jdaħħalha mill-ġdid (Artikolu 6 para 2). Fil-paragrafu 3, l-Artikolu 6 fih element proċedurali ieħor importanti, l-hekk imsejħa proċedura mħaffa, li sar ftehim dwarha g ħall-persuni li jinqabdu fir-"reġjun tal-fruntiera", jiġifieri f'żona li testendi sa 30 kilometru mill-fruntiera ta' art komuni bejn Stat Membru u l-Federazzjoni Russa jew fi ħdan it-territorji ta' portijiet marittimi u ajruporti internazzjonali ta' Stati Membri jew tal-Federazzjoni Russa. Skond il-proċedura mħaffa, l-applikazzjonijiet għall-ammissjoni mill-ġdid għandhom jkunu sottomessi, u għandha tingħata tweġiba, sa jumejn tax-xogħol filwaqt li fi proċedura normali, il-limitu ta' żmien għat-tweġibiet huwa ta' 25 jum kalendarju bid-dritt ta' estensjoni sa 60 jum kalendarju f'każijiet fejn tingħata raġuni valida.

- L-Artikoli 16 u 18 fihom ir-regoli neċessarji dwar l-ispejjeż, il-protezzjoni tad-*data* u r-relazzjoni ma' Obbligi oħra Internazzjonali;

- Il-Kumitat Konġunt dwar l-Ammissjoni mill-Ġdid ser jinħatar u ser ikollu x-xogħol u l-poteri, mfissra fl-Artikolu 19;

- Biex dan il-Ftehim jkun eżegwit fil-prattika, l-Artikolu 20 jobbliga lill-Federazzjoni Russa biex tikkonkludi Prokolli bilaterali ta' implimentazzjoni ma' l-Istati Membri kollha. B'differenza minn ftehimiet ta' qabel tal-Komunità dwar l-ammissjoni mill-ġdid, din id-dispożizzjoni tipprevedi wkoll il-possibbiltà ta' ftehim dwar limiti speċifiċi bilaterali ta' żmien biex jkunu ttrattati l-applikazzjonijiet (Artikolu 20 para. 1 lit. f flimkien ma' Artikolu 11 para. 2). Din il-possibbiltà ddaħħlet bħala kompromess ta' l-a ħħar minuta biex tissodisfa lil dawk l-Istati Membri li għandhom perjodu ta' detenzjoni massimu skond il-ligijiet nazzjonali tagħhom ta' immigrazzjoni daqs jew inqas minn 60 jum kalendarju. Ir-relazzjoni bejn il-Prokolli bilaterali ta' implimentazzjoni u dan il-Ftehim huwa ċċarat fl-Artikolu 18 para. 2;

- Id-dispożizzjonijiet finali (Art. 21 sa 23) fihom ir-regoli neċessarji dwar id-dħul fis-seħ ħ, it-tul, it-terminazzjoni u l-istatus legali ta' l-annessi tal-ftehim. L-Artikolu 23 para. 2, li huwa rifless b'dispożizzjoni simili fil-ftehim dwar l-iffaċilitar tal-viża, jassigura li l-ftehim dwar l-ammissjoni mill-ġdid u l-ftehim dwar l-iffaċilitar tal-viża jistgħu jidħlu fis-seħħ flimkien, jiġifieri fl-istess data. Madankollu, l-obbligi mfissra fl-Artikoli 3 u 5

dwar l-ammissjoni mill-ġdid ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u ta' persuni mingħajr stat tibda tapplika biss tliet snin wara d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim (ara hawn fuq).

- Is-sitwazzjoni speċifika tad-Danimarka hija riflessa fil-preambolu, l-Artikolu 1 lit. b), l-Artikolu 21 u f'dikjarazzjoni konġunta mehmuża mal-Ftehim. L-assoċjazzjoni mill-qrib tan-Norveġja u l-Iżlanda għall-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*Acquis* ta' Schengen huma riflessi wkoll f'dikjarazzjoni konġunta mal-Ftehim.

III. Konklużjonijiet

Fid-dawl tar-riżultati msemmija hawn fuq, il-Kummissjoni tipproponi li l-Kunsill

- jiddeċiedi li l-Ftehim jkun iffirmat f'isem il-Komunità u jawtorizza lill-President tal-Kunsill biex jaħtar il-persuna/i bis-setgħa li tiffirma/w f'isem il-Komunità;

- japprova, wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew, il-Ftehim mehmuż bejn il-Komunità Ewropea u l-Federazzjoni Russa dwar l-ammissjoni mill-ġdid.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar ta' Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Federazzjoni Russa dwar l-ammissjoni mill-ġdid

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 63, paragrafu 3 lit. b), flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel sub-paragrafu ta' l-Artikolu 300 (2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni[2],

Billi:

(1) B'deċiżjoni tiegħu tat-18 ta' Settembru 2000, il-Kunsill awtorizza l-Kummissjoni biex tinnegozja ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Federazzjoni Russa dwar l-ammissjoni mill-ġdid.

(2) In-negozjati għall-Ftehim saru bejn it-23 ta' Jannar 2003 u s-16 ta' Settembru 2005.

(3) Suġġett għall-konklużjoni possibbli tiegħu f'data aktar 'il quddiem, il-Ftehim inizjalat f'Moska fl-4 ta' April 2006 għandu jiġi ffirmat.

(4) Skond l-Artikolu 3 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda, anness mat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, ir-Renju Unit innotifika x-xewqa tiegħu li jieħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

(5) Skond l-Artikolu 3 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda, anness mat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, l-Irlanda nnotifikat ix-xewqa tagħha li tieħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

(6) Skond l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, id-Danimarka ma tieħux sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta magħha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu Uniku

---

[2] ĠU C […] […], p.

Suġġett għall-konklużjoni possibbli f'data aktar 'il quddiem, il-President tal-Kunsill huwa hawnhekk awtorizzat jiddelega l-persuna/i bis-setgħa li tiffirma/w, f'isem il-Komunità Ewropea, il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Federazzjoni Russa dwar l-ammissjoni mill-ġdid.

Magħmul fi Brussell, fil-.....ta'.....2006.

Għall-Kunsill
Il-President

2006/0064 (CNS)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Federazzjoni Russa dwar l-ammissjoni mill-ġdid

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 63, paragrafu 3 lit. b), flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel sub-paragrafu ta' l-Artikolu 300 (2) u l-ewwel sub-paragrafu ta' l-Artikolu 300 (3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni[3],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew[4]

Billi:

(1) Il-Kummissjoni nnegozjat f'isem il-Komunità Ewropea Ftehim mal-Federazzjoni Russa dwar l-ammissjoni mill-ġdid;

(2) Dan il-Ftehim kien iffirmat, f'isem il-Komunità Ewropea, fil-.....2006, suġġett għall-possibbiltà tal-konklużjoni tiegħu aktar tard, skond id-Deċiżjoni ...../.....KE tal-Kunsill tal-[.....].

(3) Dan il-Ftehim għandu jiġi approvat.

(4) Il-Ftehim jistabbilixxi Kumitat Konġunt ta' Ammissjoni mill-Ġdid li jista' jadotta r-regoli tiegħu ta' proċedura. Huwa xieraq li jipprovdi proċedura simplifikata biex tiġi stabbilita l-pożizzjoni tal-Komunità f'dan il-każ.

(5) Skond l-Artikolu 3 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda, anness mat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, ir-Renju Unit innotifika x-xewqa tiegħu li jieħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

(6) Skond l-Artikolu 3 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda, anness mat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, l-Irlanda nnotifikat ix-xewqa tagħha li tieħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

(7) Skond l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, id-Danimarka ma tieħux sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta magħha

[3] ĠU C […] […], p.
[4] ĠU C […] […], p

jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Federazzjoni Russa dwar l-ammissjoni mill-ġdid huwa hawnhekk approvat f'isem il-Komunità.

It-test tal-Ftehim huwa anness ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu jagħmel in-notifika li hemm provduta fl-Artikolu 23 tal-paragrafu 2 tal-Ftehim[5].

Artikolu 3

Il-Kummissjoni, megħjuna minn esperti mill-Istati Membri, għandha tirrappreżenta lill-Komunità fil-Kumitat Konġunt ta' l-Ammissjoni mill-Ġdid imwaqqaf bl-Artikolu 19 tal-Ftehim.

Artikolu 4

Il-pożizzjoni tal-Komunità fi ħdan il-Kumitat Konġunt dwar l-Ammissjoni mill-Ġdid dwar l-adozzjoni tar-regoli tal-proċedura tiegħu kif meħtieġ mill-Artikolu 19 (5) tal-Ftehim ser tittie ħed mill-Kummissjoni wara konsultazzjoni ma' kumitat speċjali maħtur mill-Kunsill.

Magħmul fi Brussell, fil-.....ta'.....2006

Għall-Kunsill
Il-President

[5] Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim dwar l-Ammissjoni mill-Ġdid se tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

Anness

ABBOZZ TA' FTEHIM

bejn il-Komunità Ewropea u l-Federazzjoni Russa

dwar l-ammissjoni mill-ġdid

IL-PARTIJIET,

IL-KOMUNITÀ EWROPEA, minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Komunità",

u

IL-FEDERAZZJONI RUSSA

Determinati li jsaħħu l-kooperazzjoni tagħhom biex jikkumbattu l-immigrazzjoni llegali b'mod iktar effettiv,

B'Referenza għall-Ftehim dwar is-Sħubija u l-Kooperazzjoni bejn il-Komunità u l-Istati Membri tagħha, fuq naħa, u l-Federazzjoni Russa, fuq in-naħa l-oħra, konkluż f'Korfù fl-24 ta' Ġunju 1994, u b'mod partikolari l-Artikolu 84 u d-dikjarazzjoni konġunta rigward l-Artikoli 26, 32 u 37 fl-Att Finali tiegħu,

Wara li kkunsidraw l-Istqarrija Konġunta miftehma fl-okkażjoni tal-laqgħa għolja ta' St. Petersburg li sar fil-31 ta' Mejju 2003, li jgħid li l-Unjoni Ewropea u l-Federazzjoni Russa jiftehmu li jikkonkludu fil-ħin in-negozjati dwar ftehim ta' ammissjoni mill-ġdid;

Xewqana li jistabbilixxu, permezz ta' dan il-Ftehim u fuq il-bażi ta' reċiproċità, proċeduri mgħa ġġla u effettivi għall-identifikazzjoni u r-ritorn ta' persuni li ma, jew m'għadhomx, jissodisfaw il-kondizzjonijiet tad-dħul, preżenza, jew residenza fit-territorji tal-Federazzjoni Russa jew wie ħed mill-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea, u biex jiffaċilitaw it-tranżitu ta' persuni fi spirtu ta' kooperazzjoni,

B'Enfażi li dan il-Ftehim ser ikun mingħajr preġudizzju għad-drittijiet, l-obbligi u r-responsabiltajiet tal-Komunità, l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea u tal-Federazzjoni Russa li joħorġu mil-Liġi Internazzjonali inklużi r-regoli legali tad-Drittijiet Internazzjonali tal-Bniedem, ikkonfermati, b'mod partikolari, mid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem ta' l-10 ta' Diċembru 1948, il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi tas-16 ta' Diċembru 1966, il-Konvenzjoni dwar l-Istatus tar-Refuġjati tat-28 ta' Lulju 1951 u l-Protokoll dwar l-Istatus tar-Refuġjati tal-31 ta' Jannar 1967, il-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali ta' l-4 ta' Novembru 1950 u l-Protokoll Nru. 4 tiegħu tas-16 ta' Settembru 1963, u l-Konvenzjoni kontra t-Tortura u Trattament jew Kastig Kiefer, Inuman u Degradanti oħra ta' l-10 ta' Diċembru 1984.

Waqt li qiesu l-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka annessa mat-Trattat fuq l-Unjoni Ewropea tas-7 ta' Frar 1992 u t-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea tal-25 ta' Marzu 1957 u jikkonfermaw li d-dispożizzjonijiet ta' dan il-ftehim ma japplikawx għar-Renju tad-Danimarka,

FTIEHMU KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Definizzjonijiet

Għall-iskop ta' dan il-Ftehim:

(a) *"Ammissjoni mill-Ġdid"* għandha tfisser it-trasferiment mill-Istat li jagħmel it-talba u l-ammissjoni mill-Istat li lilu saret it-talba ta' persuni (ċittadini ta' l-Istat stess li lilu saret it-talba, ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat) li nstabu deħlin, pre żenti jew residenti llegalment fl-Istat li jagħmel it-talba, skond id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim.

(b) *"Stat Membru"* għandu jfisser kull Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea bl-eċċezzjoni tar-Renju tad-Danimarka.

(c) *"Ċittadin ta' Stat Membru"* għandu jfisser kull persuna li għandha ċ-ċittadinanza, kif definita għall-iskopijiet tal-Komunità, ta' Stat Membru.

(d) *"Ċittadin tal-Federazzjoni Russa"* jew *"Ċittadin Russu"* għandhom ifissru kull persuna li għandha ċ-ċittadinanza tal-Federazzjoni Russa skond il-liġi tagħha.

(e) "*Ċittadin ta' pajjiż terz*" għandu jfisser kull persuna b'ċittadinanza li mhijiex tal-Federazzjoni Russa jew ta' xi wieħed mill-Istati Membri.

(f) *"Persuna mingħajr stat"* għandha tfisser kull persuna li m'għandhiex ċittadinanza tal-Federazzjoni Russa jew ta' xi wieħed mill-Istati Membri, u m'għandu ebda evidenza li għandu ċittadinanza ta' xi stat ieħor.

(g) *"Awtorizzazzjoni ta' residenza"* għandha tfisser permess uffiċjali ta' kwalunkwe tip maħruġ mill-Federazzjoni Russa jew minn wieħed mill-Istati Membri li jintitolaw lill-persuna li toqgħod fit-territorju tal-Federazzjoni Russa jew ta' xi wieħed mill-Istati Membri. Dan ma jinkludiex permessi temporanji biex il-persuna tibqa' fit-territorju ta' l-Istati msemmija in konnessjoni ma' l-ipproċessar ta' applikazzjoni ta' kenn politiku jew applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni ta' residenza.

(h) *"Viża"* għandha tfisser awtorizzazzjoni maħruġa jew deċiżjoni meħuda mill-Federazzjoni Russa jew minn xi wieħed mill-Istati Membri, li hija meħtieġa biex persuna tidħol, jew tgħaddi mit-territorju tal-Federazzjoni Russa jew xi wieħed mill-Istati Membri. Dan m'għandux jinkludi l-kategorija speċifika tal-viża ta' tranżitu fl-ajruport.

(i) *"Pajjiż li għamel it-talba"* għandu jfisser l-Istat (il-Federazzjoni Russa jew xi wieħed mill-Istati Membri) li ssottometta applikazzjoni ta' ammissjoni mill-ġdid skond taqsima III jew applikazzjoni ta' tranżitu skond taqsima IV ta' dan il-Ftehim.

(j) *"Pajjiż li lilu saret it-talba"* għandu jfisser l-Istat (il-Federazzjoni Russa jew xi wie ħed mill-Istati Membri) li lilu hija indirizzata applikazzjoni ta' ammissjoni mill-ġdid skond taqsima III jew applikazzjoni ta' tranżitu skond taqsima IV ta' dan il-Ftehim;

(k) *"L-Awtorità Kompetenti"* għandha tfisser kull awtorità nazzjonali tal-Federazzjoni Russa jew ta' wieħed mill-Istati Membri li għandha l-inkarigu li timplimenta dan il-Ftehim, kif imfisser mill-Prokoll bilaterali ta' implimentazzjoni konkluż bejn il-Federazzjoni Russa u l-Istati Membri individwali skond l-Artikolu 20 (1) lit. a) ta' dan il-Ftehim.

(l) *"Reġjun tal-fruntiera"* għandu jfisser iż-żona li testendi sa 30 kilometru mill-fruntiera ta' art komuni bejn Stat Membru u l-Federazzjoni Russa kif ukoll it-territorji ta' portijiet marittimi fosthom żoni tad-dwana, u ajruporti Internazzjonali u ta' l-Istati Membri u tal-Federazzjoni Russa.

(m) *"Punt tal-qsim tal-fruntiera"* għandu jfisser il-punt tal-qsim awtorizzat mill-Istati Membri jew mill-Federazzjoni Russa għall-qsim tal-fruntieri rispettivi tagħhom bl-art u l-baħar inklużi l-ajruporti Internazzjonali u l-portijiet marittimi.

(n) *"Tranżitu"* għandu jfisser il-passaġġ ta' ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat mit-territorju tal-pajjiż li saritlu t-talba waqt il-vjaġġ mill-Istat li għamel it-talba sal-pajjiż tad-destinazzjoni.

Taqsima I. L-obbligi ta' ammissjoni mill-ġdid mill-Federazzjoni Russa

Artikolu 2

L-ammissjoni mill-ġdid ta' ċittadini Russi

(1) Il-Federazzjoni Russa għandha tħalli tidħol, wara applikazzjoni minn Stat Membru skond il-proċedura maħsuba f'dan il-Ftehim, kull persuna, li ma jew m'għadhiex tissodisfa l-kondizzjonijiet tad-dħul, preżenza jew residenza fit-territorju ta' l-Istat Membru li jagħmel it-talba sakemm huwa stabbilit, skond l-Artikolu 9 ta' dan il-Ftehim, li tali persuna hija ċittadina tal-Federazzjoni Russa.

L-istess għandu japplika għall-persuni preżenti jew residenti llegalment li kellhom iċ-ċittadinanza tal-Federazzjoni Russa meta daħlu fit-territorju ta' Stat Membru iżda wara rrinunzjaw għaċ-ċittadinanza tal-Federazzjoni Russa skond il-liġijiet nazzjonali ta' din ta' l-aħħar, mingħajr ma ħadu ċ-ċittadinanza jew l-awtoritazzjoni ta' residenza ta' dak l-Istat Membru jew xi Stat ieħor.

(2) Wara li l-Federazzjoni Russa tagħti tweġiba pożittiva għall-applikazzjoni ta' ammissjoni mill-ġdid, il-missjoni diplomatika kompetenti jew l-uffiċċju konsulari tal-Federazzjoni Russa għandu irrispettivament mir-rieda tal-persuna li terġa tiġi ammessa, skond il-ħtieġa u bla dewmien, joħroġ dokument ta' vjaġġ meħtieġ għar-ritorn tal-persuna li ser terġa tiġi ammessa f'perjodu ta' validità ta' 30 jum kalendarju. Jekk, għal xi raġuni, il-persuna kkonċernata ma tistax tkun trasferita tul il-perjodu ta' validità tad-dokument tal-vjaġġ, il-missjoni diplomatika kompetenti jew l-uffiċċju konsulari tal-Federazzjoni Russa għandu joħroġ dokument ġdid tal-vjaġġ b'validità ta' l-istess tul mingħajr dewmien.

Artikolu 3

L-Ammissjoni mill-ġdid ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni mingħajr stat

(1) Il-Federazzjoni Russa għandha tħalli tidħol, wara applikazzjoni minn Stat Membru skond il-proċedura maħsuba f'dan il-Ftehim, kull ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat, li ma jew m'għadhiex tissodisfa l-kondizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dħul, preżenza jew residenza fit-territorju ta' l-Istat Membru li jagħmel it-talba sakemm huwa stabbilit, skond l-Artikolu 10 ta' dan il-Ftehim, li tali persuna

a) għandha fil-pussess tagħha, meta tkun sottomessa l-applikazzjoni għall-ammissjoni mill-ġdid, viża valida maħruġa mill-Federazzjoni Russa mad-dħul f'territorju ta' Stat Membru direttament mit-territorju ta' l-ewwel; jew

b) għandha fil-pussess tagħha, meta kienet sottomessa l-applikazzjoni għall-ammissjoni mill-ġdid, awtorizzazzjoni ta' residenza valida maħruġa mill-Federazzjoni Russa; jew

c) daħlet illegalment fit-territorju ta' l-Istati Membri direttament mit-territorju tal-Federazzjoni Russa.

(2) L-obbligu ta' l-ammissjoni mill-ġdid ipprovdut f'paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu m'għandux japplika jekk:

a) iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat kien biss fi tranżitu fin-naħa ta' l-ajru minn ajruport Internazzjonali tal-Federazzjoni Russa; jew

b) il-pajjiż li għamel it-talba jew Stat Membru ieħor ħareġ liċ-ċittadin minn pajjiż terz jew persuna mingħar stat viża jew awtorizzazzjoni ta' residenza sakemm il-persuna m'għandiex fil-pussess tagħha viża jew awtorizzazzjoni ta' residenza, maħruġa mill-Federazzjoni Russa li għandha perjodu itwal ta' validità.

c) iċ-ċittadin tal-pajjiż terz jew persuna mingħajr stat kellu aċċess mingħajr il-ħtieġa ta' viża fit-territorju tal-pajjiż li għamel it-talba.

(3) Wara li l-Federazzjoni Russa tagħti tweġiba pożittiva għall-applikazzjoni għall-ammissjoni mill-ġdid, l-Istat Membru li għamel it-talba joħroġ lill-persuna kkonċernata d-dokument tal-vjaġġ rikonoxxut mill-Federazzjoni Russa (dokument tal-vjaġġ standard għall-skopijiet ta' tkeċċija skond il-formola mfissra mir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-KE fit-30 ta' Novembru 1994).

Taqsima II. Obbligi ta' l-ammissjoni mill-ġdid mill-Komunità

Artikolu 4

L-Ammissjoni mill-ġdid ta' ċittadini ta' l-Istati Membri

(1) Stat Membru għandu jħalli tidħol, wara applikazzjoni mill-Federazzjoni Russa u skond il-proċedura maħsuba f'dan il-Ftehim, kull persuna, li ma jew m'għadhiex tissodisfa l-kondizzjonijiet tad-dħul, il-preżenza jew iresidenza fit-territorju tal-Federazzjoni Russa sakemm huwa stabbilit, skond l-Artikolu 9 ta' dan il-Ftehim, li tali persuna hija

ċittadina ta’ dak l-Istat Membru.

L-istess għandu japplika għall-persuni preżenti jew residenti illegalment li kellhom iċ-ċittadinanza ta’ l-Istat Membru meta daħlu fit-territorju tal-Federazzjoni Russa iżda wara rrinunzjaw għaċ-ċittadinanza ta’ l-Istat Membru skond il-liġijiet nazzjonali ta' dan ta' l-aħħar, mingħajr ma ħadu ċ-ċittadinanza jew l-awtoritazzjoni ta' residenza tal-Federazzjoni Russa jew xi Stat ieħor.

(2) Wara li l-Istat Membru jagħti tweġiba pożittiva għall-applikazzjoni ta' ammissjoni mill-ġdid, il-missjoni diplomatika kompetenti jew l-uffiċċju konsulari ta’ l-Istat Membru kkonċernat għandu irrispettivament mir-rieda tal-persuna li terġa tkun ammessa, skond il-ħtieġa u bla dewmien, toħroġ dokument ta’ vjaġġ meħtieġ għar-ritorn tal-persuna li ser terġa tkun ammessa f’perjodu ta’ validità ta’ 30 jum kalendarju. Jekk, g ħal xi raġuni, il-persuna kkonċernata ma tistax tkun trasferita tul il-perjodu ta’ validità tad-dokument tal-vjaġġ, l-Istat Membru kkonċernat għandu joħroġ dokument ġdid ta’ vjaġġ b’validità ta’ l-istess tul mingħajr dewmien.

Artikolu 5

L-Ammissjoni mill-ġdid ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni mingħajr stat

(1) Stat Membru għandu jħalli tidħol, wara applikazzjoni mill-Federazzjoni Russa u skond il-proċedura maħsuba f’dan il-Ftehim, kull ċittadin ta’ pajjiż terz jew persuni mingħajr stat, li ma jew m'għadhomx jissodisfaw il-kondizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dħul, pre żenza jew residenza fit-territorju tal-Federazzjoni Russa sakemm tista’ tingħieb prova skond l-Artikolu 10 ta’ dan il-Ftehim, li tali persuna

a) għandha fil-pussess tagħha, meta tkun sottomessa l-applikazzjoni għall-ammissjoni mill-ġdid, viża valida maħruġa mill-Istat Membru mad-dħul fit-territorju tal-Federazzjoni Russa direttament mit-territorju ta' l-ewwel; jew

b) għandha fil-pussess tagħha, meta tkun sottomessa l-applikazzjoni għall-ammissjoni mill-ġdid, awtorizzazzjoni ta’ residenza valida maħruġa mill-Istat Membru li lilu saret it-talba; jew

c) daħlet illegalment fit-territorju tal-Federazzjoni Russa direttament mit-territorju ta’ l-Istat Membru li lilu saret it-talba.

2) L-obbligu ta’ l-ammissjoni mill-ġdid ipprovdut f’paragrafu 1 ta’ dan l-Artikolu m’g ħandux japplika jekk:

(a) iċ-ċittadin ta’ pajjiż terz jew persuna mingħajr stat kien biss fi tranżitu fin-naħa ta’ l-ajru minn ajruport Internazzjonali ta’ l-Istat Membru li lilu saret it-talba;

(b) il-Federazzjoni Russa ħarġet liċ-ċittadin minn pajjiż terz jew persuna mingħar stat viża jew awtorizzazzjoni ta’ residenza sakemm il-persuna m’għandiex fil-pussess tagħha viża jew permess ta’ residenza, maħruġa mill-Istat Membru li g ħandha perjodu itwal ta’ validità.

(c) iċ-ċittadin tal-pajjiż terz jew persuna mingħajr stat kellu aċċess mingħajr il-ħtie ġa ta’ viża fit-territorju tal-Federazzjoni Russa.

(3) L-obbligu ta’ l-ammissjoni mill-ġdid f’paragrafu 1 ta’ dan l-Artikolu huwa għall-Istat Membru li ħareġ il-viża jew awtorizzazzjoni ta’ residenza. Jew tnejn jew aktar Stati Membri ħarġu viża jew awtorizzazzjoni ta’ residenza, l-obbligu ta’ l-ammissjoni mill-ġdid f'paragrafu 1 ta’ dan l-Artikolu huwa għall-Istat Membru li ħareġ id-dokument b'perjodu ta' validità itwal, jew, jekk wieħed jew bosta minnhom diġà skadew, id-dokument li għadu validu. Jekk id-dokumenti kollha diġà skadew, l-obbligu ta’ l-ammissjoni mill-ġdid f’paragrafu 1 ta’ dan l-Artikolu huwa għall-Istat Membru li ħare ġ id-dokument bl-iktar data riċenti ta’ skadenza.

(4) Wara li l-Istat Membru li lilu saret it-talba ta tweġiba pożittiva għall-applikazzjoni g ħall-ammissjoni mill-ġdid, il-Federazzjoni Russa toħroġ lill-persuna li ser terġa tiddaħ ħal, dokument tal-vjaġġ rikonoxxut mill-Istat Membru kkonċernat.

Taqsima III. Il-procedura ta’ ammissjoni mill-ġdid

Artikolu 6

L-applikazzjoni għall-ammissjoni mill-ġdid

(1) Suġġett għall-paragrafu 2, kull trasferiment ta’ persuna li ser tiddaħħal mill-ġdid fuq il-bażi ta’ wieħed mill-obbligi fl-Artikoli 2 sa 5 ta’ dan il-Ftehim jeħtieġ is-sottomissjoni ta’ applikazzjoni ta’ ammissjoni mill-ġdid lill-awtorità kompetenti ta’ l-Istat li lilu saret it-talba.

(2) B’deroga ta’ l-Artikoli 2 sa 5 ta’ dan il-Ftehim, l-ebda applikazzjoni ta' ammissjoni mill-ġdid hija meħtieġa meta l-persuna li ser tiddaħħal mill-ġdid għandha fil-pussess tagħha passaport nazzjonali validu u, fil-każ ta' din il-persuna hija ċittadina ta’ pajjiż terz jew hija persuna mingħajr stat, għandha wkoll viża valida jew awtorizzazzjoni ta’ residenza ta’ l-Istat li ser idaħħal din il-persuna.

(3) Jekk persuna tinqabad fir-reġjun tal-fruntiera ta’ l-Istat li għamel it-talba wara li qasmet illegalment il-fruntiera mit-territorju ta' l-Istat li għamel it-talba, il-pajjiż li lilu saret it-talba jista' jissottometti applikazzjoni ta' ammissjoni mill-ġdid sa jumejn tax-xogħol wara li nqabdet din il-persuna (proċedura aċċelerata).

Artikolu 7

Il-kontenut ta' l-applikazzjoni għall-ammissjoni mill-ġdid

(1) Kull applikazzjoni ta’ ammissjoni mill-ġdid għandu jkollha din l-informazzjoni:

a) id-dettalji tal-persuna kkonċernata (per eżempju l-ismijiet, kunjomijiet, data tat-twelid u – fejn possibbli – il-post tat-twelid, u l-aħħar post ta’ residenza);

b) indikazzjoni ta’ evidenza dwar in-nazzjonalità, id-dħul u r-residenza llegali, u r-raġunijiet għall-ammissjoni mill-ġdid ta’ ċittadini minn pajjiżi terzi u persuni mingħajr stat kif imfissra f’Artikoli 3 (1) u 5 (1) ta’ dan il-Ftehim.

(2) Safejn hu possibbli, l-applikazzjoni għall-ammissjoni mill-ġdid għandha jkollha wkoll l-

informazzjoni li ġejja:

a) dikjarazzjoni li tindika li l-persuna li għandha tkun trasferita jista' jkollha bżonn għajnuna jew kura, sakemm il-persuna kkonċernata tkun qablet b'mod ċar ma' l-istqarrija;

b) kull miżura oħra ta' protezzjoni jew sigurtà li tista' tkun meħtieġa fil-każ individwali ta' trasferiment.

(3) Formola komuni li għandha tintuża fl-applikazzjonijiet ta' ammissjoni mill-ġdid hija mehmuża ma' Anness 1 ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 8

Tweġiba għall-applikazzjoni ta' l-ammissjoni mill-ġdid

Tweġiba għall-applikazzjoni għall-ammissjoni mill-ġdid għandha tingħata bil-miktub.

Artikolu 9

Evidenza dwar in-nazzjonalità

(1) Nazzjonalità skond l-Artikolu 2 (1) u l-Artikolu 4 (1) ta' dan il-Ftehim tista' tiġi stabbilita permezz ta' mill-inqas wieħed mid-dokument elenkati f'Anness 2 ta' dan il-Ftehim, anki meta l-perjodu tiegħu ta' validità jkun skada. Jekk dokumenti bħal dawn jkunu ppreżentati, l-Istati Membri u l-Federazzjoni Russa għandhom it-tnejn jirrikonoxxu n-nazzjonalità mingħajr ebda ħtieġa ta' iktar verifika.

(2) Jekk l-ebda dokument elenkat f'Anness 2 ta' dan il-Ftehim ma jista' jkun ippreżentat, in-nazzjonalità skond l-Artikolu 2 (1) u l-Artikolu 4 (1) ta' dan il-Ftehim tista' tkun stabbilita permezz ta' mill-inqas wieħed mid-dokumenti elenkati f'Anness 3 ta' dan il-Ftehim, anki jekk il-perjodu ta' validità jkun skada.

– Jekk id-dokumenti elenkati f'Anness 3 A ta' dan il-Ftehim jiġu ppreżentati, l-Istati Membri u l-Federazzjoni Russa jikkunsidraw li n-nazzjonalità hija stabbilita sakemm ma jkunx ippruvat bil-kontra;

– Jekk id-dokumenti elenkati f'Anness 3 B ta' dan il-ftehim jkunu ppreżentati, l-Istati Membri u l-Federazzjoni Russa jqisu dan bħala raġuni biex jinbdew verifika xierqa.

(3) In-nazzjonalità ma tistax tkun stabbilita permezz ta' dokumenti foloz.

(4) Jekk l-ebda wieħed mid-dokumenti elenkati f'Annessi 2 u 3 ta' dan il-Ftehim ma jista' jkun ppreżentat, ir-rappreżentanza diplomatika kompetenti jew il-post konsulari tal-Federazzjoni Russa jew l-Istat Membru kkonċernat għandu, meta mitlub, jagħmel l-arranġamenti ma' l-awtorità kompetenti ta' l-Istat li għamel it-talba biex jintervista mingħajr dewmien il-persuna li ser tiddaħħal lura biex jistabilixxi n-nazzjonalità tiegħu jew tagħha. Il-proċedura għal dawn l-intervisti għandha tkun stabbilita fil-Protokolli ta' implimentazzjoni previsti fl-Artikolu 20 ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 10

L-Evidenza dwar ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni mingħajr stat

(1) Il-prova tar-raġunijiet għall-ammissjoni mill-ġdid ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni mingħajr stat kif imniżżla fl-Artikolu 3 (1) u fl-Artikolu 5 (1) ta' dan il-Ftehim tista' tingħata permezz ta'mill-inqas wieħed mid-dokumenti elenkati f'Anness 4 ta' dan il-Ftehim. Kull prova bħal din għandha tkun rikonoxxuta mill-Istati Membri u mill-Federazzjoni Russa mingħajr il-ħtieġa ta' aktar verifika.

(2) Prova indiretta tar-raġunijiet għall-ammissjoni mill-ġdid ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni mingħajr stat skond l-Artikolu 3 (1) u l-Artikolu 5 (1) ta' dan il-Ftehim tista' tingħata permezz ta' mill-inqas wieħed mid-dokumenti elenkati f'Anness 5 ta' dan il-Ftehim.

– Jekk mezzi ta' evidenza elenkati f'Anness 5 A ta' dan il-Ftehim jkunu ppreżentati, l-Istati Membri u l-Federazzjoni Russa għandhom iqisu li l-kondizzjonijiet huma stabbiliti sakemm ma jiġix ippruvat bil-kontra;

– Jekk mezzi ta' evidenza elenkati f'Anness 5 B ta' dan il-Ftehim jkunu ppreżentati, l-Istati Membri u l-Federazzjoni Russa jqisuhom bħala raġuni biex tinbeda verifika xierqa.

(3) Prova tar-raġunijiet għall-ammissjoni mill-ġdid ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u ta' persuni mingħajr stat ma tistax tingħata permezz ta' dokumenti foloz.

(4) L-illegalità tad-dħul, preżenza jew residenza għandha tkun stabbilita permezz ta' dokumenti tal-vjaġġ tal-persuna kkonċernata li fihom hija nieqsa l-viża neċessarja jew l-awtorizzazzjoni ta' residenza għat-territorju ta' l-Istat li għamel it-talba. Stqarrija motivata b'mod xieraq mill-Istat li għamel it-talba li l-persuna kkonċernata nstabet li ma kelliex id-dokumenti tal-vjaġġ, il-viża jew l-awtorizzazzjoni ta' residenza ne ċessarji għandha wkoll tkun ta' evidenza prima facie tad-dħul, tal-preżenza jew tar-residenza llegali.

Artikolu 11

Limiti ta' żmien

(1) L-applikazzjoni għall-ammissjoni mill-ġdid għandha tkun sottomessa lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat li lilu saret it-talba sa massimu ta' 180 jum kalendarju mid-data li l-awtorità kompetenti ta' l-Istat li għamel it-talba kellu t-tagħrif li ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat ma, jew m'għadux, jissodisfa l-kondizzjonijiet fis-seħħ għad-dħul, il-preżenza jew ir-residenza.

(2) Għandha tingħata tweġiba għall-applikazzjoni ta' ammissjoni mill-ġdid sa massimu ta' 25 jum kalendarju mid-data tal-konferma li waslet l-applikazzjoni għall-ammissjoni mill-ġdid. Mingħajr preġudiżżju għall-arranġamenti speċifiċi li għandu jsir qbil dwarhom fil-qafas tal-protokolli ta' implimentazzjoni konklużi skond l-Artikolu 20, fejn huma ostakli legali jew fattwali biex ikun hemm tweġiba fil-ħin għall-applikazzjoni, il-limitu ta' żmien għandu jkun estiż sa 60 jum kalendarju wara li ssir

talba motivata.

(3) Fil-każ ta’ applikazzjoni ta’ ammissjoni mill-ġdid sottomessa permezz ta’ proċedura a ċċelerata skond l-Artikolu 6 (3) ta’ dan il-Ftehim, għandha tingħata risposta sa jumejn ta’ xogħol (definiti skond il-liġi ta’ l-Istat li lilu saret it-talba) mill-konferma tal-wasla kkonfermata ta’ l-applikazzjoni għall-ammissjoni mill-ġdid.

(4) Meta jiskadu l-limiti ta’ żmien li hemm referenza għalihom fil-paragrafi 2 u 3 ta’ dan l-Artikolu, l-ammissjoni mill-ġdid titqies li kienet milqugħa.

(5) Il-persuna kkonċernata għandha tkun trasferita fi żmien 90 jum kalendarju. Fil-każ ta’ trasferiment bi proċedura aċċelerata skond Artikolu 6 (3) ta’ dan il-Ftehim, il-persuna kkonċernata għandha tkun trasferita fi żmien jumejn xogħol. Meta ssir talba motivata kif xieraq, dan il-limitu ta’ żmien jista’ jkun estiż biż-żmien li ttieħed biex jingħelbu l-ostakli legali u prattiċi. Il-limiti ta’ żmien msemmija f’dan il-paragrafu jibdew mid-data tal-wasla ta’ tweġiba pożittiva għall-applikazzjoni għall-ammissjoni mill-ġdid.

Artikolu 12

Rifjut ta’ applikazzjoni għall-ammissjoni mill-ġdid

Għandhom jingħataw ir-raġunijiet għar-rifjut ta’ applikazzjoni għall-ammissjoni mill-ġdid.

Artikolu 13

Modalitajiet ta’ trasferiment u metodu ta’ trasport

(1) Qabel it-trasferiment ta' persuna, l-awtoritajiet kompetenti tal-Federazzjoni Russa u l-Istat Membru kkonċernat għandhom jagħmlu arranġamenti bil-miktub u minn qabel dwar id-data tat-trasferiment, il-punt fejn il-persuna taqsam il-fruntiera u jekk hemm xi ħadd jakkumpanjaha.

(2) Il-mezzi kollha ta' trasport, bl-ajru, l-art jew il-baħar, huma permessi biex iseħħ it-trasferiment. Ir-ritorn bl-ajru mhux ristrett għall-użu tal-linja nazzjonali jew staff ta’ l-Istat li għamel it-talba u jista’ jsir bl-użu ta’ titjiriet skedati u titjiriet *charter*.

Taqsima IV. Operazzjonijiet ta’ tranżitu

Artikolu 14

Prinċipji ġenerali

(1) L-Istati Membri u l-Federazzjoni Russa għandhom jirrestringu t-tranżitu ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat għall-każijiet fejn dawn il-persuni ma jistgħux jintbagħtu lura direttament lejn l-Istat ta' destinazzjoni.

(2) Il-Federazzjoni Russa għandha tippermetti t-tranżitu ta’ ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat jekk l-Istat Membru jitlob dan, u Stat Membru għandu jawtorizza t-tranżitu ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat jekk il-Federazzjoni Russa titlob dan, jekk ikunu assigurati l-vjaġġ lejn id-destinazzjoni li jg ħaddi minn Stati oħra ta' tranżitu u l-ammissjoni mill-Istat ta’ destinazzjoni.

(3) It-tranżitu jista' jiġi rrifjutat mill-Federazzjoni Russa jew Stat Membru

a) jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat huwa f'riskju li jkun suġġett għat-tortura jew trattament inuman jew degradanti jew kastig jew il-piena tal-mewt jew persekuzzjoni minħabba r-razza tiegħu, ir-reliġjon, in-nazzjonalità, sħubija f'xi grupp soċjali partikolari jew konvinzjoni politika fl-Istat ta' destinazzjoni jew Stat ieħor ta' tranżitu; jew

b) jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat ikun suġġett għall-persekuzzjoni kriminali jew sanzjonijiet fl-Istat li lilu saret it-talba jew f'xi Stat ieħor ta' tranżitu; jew

c) minħabba raġunijiet ta' saħħa pubblika, sigurtà domestika, ordni pubblika jew interessi oħra nazzjonali ta' l-Istat li lilu saret it-talba.

(4) Il-Federazzjoni Russa jew Stat Membru jistgħu jirrevokaw kull awtorizzazzjoni maħruġa jekk jinqalgħu jew jitfaċċaw iċ-ċirkostanzi li saret referenza għalihom fil-paragrafu 3 ta' danl-Artikolu li jżommu milli ssir l-operazzjoni ta' tranżitu, jew jekk il-vjaġġ lejn id-destinazzjoni lejn Stati possibbli ta' tranżitu jew l-ammissjoni mill-ġdid mill-Istat ta' destinazzjoni ma jibqax assigurat. F'dan il-każ, l-Istat li għamel it-talba għandu jieħu lura ċ-ċittadin mill-pajjiż tat-tielet dinja jew persuna mingħajr stat, kif meħtieġ u mingħajr dewmien.

Artikolu 15

Proċedura tat-tranżitu

(1) Applikazzjoni għall-operazzjonijiet ta' tranżitu għandha tkun sottomessa lill-awtoritajiet kompetenti bil-miktub u għandu jkollha l-informazzjoni li ġejja:

a) it-tip ta' tranżitu (bl-ajru, bl-art jew bil-baħar), Stati oħra possibbli ta' tranżitu u d-destinazzjoni finali;

b) id-dettalji tal-persuna kkonċernata (per eżempju l-isem, il-kunjom, id-data tat-twelid u – fejn possibbli – il-post tat-twelid, in-nazzjonalità, it-tip u n-numru ta' dokument tal-vjaġġ;

c) fejn hu maħsub li ser ikun il-punt fejn tinqasam il-fruntiera, il-ħin tat-trasferiment u l-persuni li jistgħu jakkumpanjawha;

d) dikjarazzjoni li min-naħa ta' l-Istat li għamel it-talba, jiġu applikati l-kundizzjonijiet skond l-Artikolu 14 (2) ta' dan il-Ftehim, u ebda raġuni għal rifjut skond Artikolu 14 (3) ta' dan il-Ftehim hija magħrufa.

Formola komuni li għandha tintuża fl-applikazzjonijiet ta' tranżitu hija mehmuża ma' Anness 6 ta' dan il-Ftehim.

(2) L-Istat li lilu saret it-talba għandu jinforma bil-miktub lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat li għamel it-talba tal-kunsens għall-ammissjoni, u jikkonferma l-punt fejn ser tinqasam il-fruntiera, il-ħin maħsub ta' l-ammissjoni, jew jinfurmah bir-rifjut ta' l-ammissjoni u r-raġunijiet għal rifjut bħal dan.

(3) Jekk l-operazzjoni ta' tranżitu ssir bl-ajru, il-persuna li ser terġa tkun ammessa u l-persuni li jistgħu jakkumpanjawha jkunu eżentati milli jkollhom viża speċifika ta' tran żitu ta' l-ajruport.

(4) L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat li lilu saret it-talba għandhom, wara konsultazzjonijiet reċiproċi, jappoġġjaw l-operazzjonijiet ta' tranżitu, partikolarment permezz tas-sorveljanza tal-persuni kkonċernati u l-għoti ta' amenitajiet xierqa għal dak l-iskop.

Taqsima V. Spejjeż

Artikolu 16

Spejjeż ta' trasport u tranżitu

Bla preġudizzju għad-dritt ta' l-awtoritajiet kompetenti li jirkupraw l-ispejjeż marbuta ma' l-ammissjoni mill-ġdid mingħand il-persuna li ser tiddaħħal lura jew partijiet terzi, l-ispejjeż kollha tat-trasport marbuta ma' l-ammissjoni mill-ġdid u t-tranżitu sal-punt fejn inqasmet il-fruntiera ta' l-Istat li lilu saret it-talba, għandhom jitħallsu mill-Istat li għamel it-talba.

Taqsima VI. Il-Protezzjoni tad-*Data*

Artikolu 17

Il-Protezzjoni tad-*data*

Il-komunikazzjoni ta' data personali għandha sseħħ biss jekk komunikazzjoni bħal din hija me ħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim mill-awtoritajiet kompetenti tal-Federazzjoni Russa jew Stat Membru skond il-każ. Meta ssir komunikazzjoni, proċessar jew trattament tad-*data* personali f'każ partikolari, l-awtoritajiet kompetenti tal-Federazzjoni Russa għandhom jirrispettaw il-liġi relevanti tal-Federazzjoni Russa, u l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru għandhom jirrispettaw id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 95/46/KE u l-liġi nazzjonali ta' dak l-Istat Membru adottati skond id-direttiva. Għandhom japplikaw ukoll il-prinċipji li ġejjin:

a) id-*data* personali għandha tiġi proċessata b'mod ġust u legali;

b) id-*data* personali għandha tinġabar għall-iskop speċifiku, espliċitu u leġittimu ta' l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim u ma tkomplix tkun ipproċessata b'mod mhux kompatibbli ma' dan l-iskop.

c) id-*data* personali għandha tkun adegwata, relevanti u mhux eċċessiva b'relazzjoni ma' l-għan li għalih tinġabar u/jew tkun ipproċessata aktar; b'mod partikolari, id-*data* personali komunikata tista' tkun biss dwar dan li ġej:

– id-dettalji tal-persuna li ser terġa tkun ammessa (per eżempju l-kunjom, l-isem, xi ismijiet preċedenti, ismijiet oħra wżati/li bihom kienet magħrufa jew psewdonimi, id-data u l-post tat-twelid, is-sess, in-nazzjonalità attwali u pre ċedenti),

– il-karta ta' l-identità jew passaport (it-tip, in-numru, l-perjodu ta' validità, id-

data tal-ħruġ, il-post tal-ħruġ),

– waqfiet u itinerarji.

– informazzjoni oħra meħtieġa biex tkun identifikata l-persuna li ser terġa tkun ammessa jew biex ikunu eżaminati r-rekwiżiti ta' ammissjoni mill-ġdid skond dan il-Ftehim.

d) id-*data* personali għandha tkun eżatta u, fejn meħtieġ, aġġornata.

e) id-*data* personali għandha tinżamm b'mod li jippermetti l-identifikazzjoni tas-suġġetti tad-*data* għal mhux iktar mill-perjodu neċessarju għall-iskop li għalih inġabret id-*data* jew li kompliet tiġi proċessata.

f) Kemm l-awtorità kompetenti li tikkomunika d-data personali kif ukoll l-awtorità kompetenti li tirċeviha għandhom jieħdu kull pass biex jassiguraw kif xieraq ir-ratifika, tħassir jew iż-żamma ta' data personali fejn l-ipproċessar tagħha ma jissodisfax id-dispożizzjonijiet ta' lit. c) u d) ta' dan l-Artikolu, partikolarment għaliex id-data mhijiex adegwata, relevanti, eżatta, jew hija eċċessiva fir-rigward ta' l-iskop ta' l-ipproċessar. Dan jinkludi n-notifika ta' kull rettifika, tħassir jew żamma ta' data bħal din lill-Parti l-oħra.

(g) Jekk tintalab, l-awtorità kompetenti li tirċievi d-*data* personali għandha tinforma lill-awtorità kompetenti li tikkomunika d-*data* personali bl-użu tad-*data* komunikata u r-riżultati miksuba.

(h) Id-*data* personali tista' tkun komunikata biss lill-awtoritajiet kompetenti li għandhom is-setgħa li jimplimentaw dan il-ftehim. Iktar komunikazzjoni lill-entitajiet oħra teħtieġ kunsens minn qabel ta' l-awtorità kompetenti li qed tikkomunika d-*data* personali.

(i) L-awtorità kompetenti li qed tikkomunika d-*data* personali u l-awtorità kompetenti li tirċievi d-*data* personali huma obbligati li jirreġistraw bil-miktub il-komunikazzjoni u l-wasla tad-*data* personali.

Taqsima VII. Implimentazzjoni u applikazzjoni

Artikolu 18

Ir-relazzjoni ma' obbligi oħra Internazzjonali

(1) Dan il-Ftehim għandu jkun bla preġudizzju għad-drittijiet, l-obbligi u r-responsabiltajiet tal-Komunità, l-Istati Membri u l-Federazzjoni Russa li joħorġu mil-Liġi Internazzjonali, u b'mod partikolari minn

a) il-Konvenzjoni tat-28 ta' Lulju 1951 u l-Protokoll tal-31 ta' Jannar 1967 dwar l-Istat tar-Refuġjati;

b) il-Konvenzjoni Ewropea ta' l-4 ta' Novembru 1950 dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali;

c) il-Konvenzjoni ta' l-10 ta' Diċembru 1984 kontra t-Tortura u t-Trattament jew

Kastig ieħor Kiefer, Inuman jew Degradanti;

d) it-Trattati internazzjonali dwar l-estradizzjoni u t-tranżitu;

e) it-Trattati internazzjonali multilaterali li fihom ir-regoli dwar l-ammissjoni mill-ġdid ta' ċittadini barranin, bħall-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali tas-7 ta' Diċembru 1944.

(2) Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim għandhom jieħdu preċedenza fuq id-dispo żizzjonijiet ta' kull trattat jew arranġament bilaterali dwar l-ammissjoni mill-ġdid li kien, jew jista', skond l-Artikolu 20 ta' dan il-Ftehim, jkun konkluż bejn Stati Membri individwali u l-Federazzjoni Russa safejn id-dispożizzjonijiet ta' dawn it-trattati jew arranġamenti jkopru kwistjonijiet ittrattati fil-Ftehim preżenti.

(3) Xejn f'dan il-Ftehim m'għandu jżomm ir-ritorn ta' persuna taħt arranġamenti oħra formali jew informali.

Artikolu 19

Kumitat konġunt ta' l-ammissjoni mill-ġdid

(1) Il-Partijiet għandhom jaħtru kumitat konġunt ta' l-ammissjoni mill-ġdid (li minn issa jkun magħruf bħala "l-Kumitat") li ser ikollu b'mod partikolari l-kompitu

a) li jissorvelja l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim;

b) li jiddeċiedi dwar l-arranġamenti neċessarji għat-twettiq uniformi ta' dan il-Ftehim;

c) li jkollu bdil regolari ta' informazzjoni dwar il-Protokolli ta' implimentazzjoni konklużi mill-Istati Membri individwali u l-Federazzjoni Russa skond l-Artikolu 20 ta' dan il-Ftehim;

d) li jiddeċiedi fuq l-emendi għall-Annessi ta' dan il-Ftehim;

e) li jipproponi emendi għal dan il-Ftehim;

f) li jeżamina u, jekk meqjuż neċessarju, jipproponi emendi għal dan il-Ftehim fil-każ ta' adeżjonijiet ġodda fl-Unjoni Ewropea.

(2) Id-deċiżjonijiet tal-Kumitat għandhom jorbtu lill-Partijiet.

(3) Il-Kumitat għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-Komunità u l-Federazzjoni Russa; il-Komunità għandha tkun rappreżentata mill-Kummissjoni Ewropea megħjuna minn esperti mill-Istati Membri.

(4) Il-Kumitat għandu jiltaqa' meta meħtieġ fuq talba ta' waħda mill-Partijiet.

(5) Il-Kumitat għandu jistabbilixxi r-regoli tiegħu ta' proċedura.

Artikolu 20

Protokolli ta’ implimentazzjoni

(1) Il-Federazzjoni Russa u l-Istati Membri għandhom jikkonkludu Protokolli ta' implimentazzjoni li għandhom ikopru regoli dwar

a) l-awtoritajiet kompetenti, il-punti fejn tinqasam il-fruntiera, il-bdil ta’ informazzjoni dwar punti ta’ kuntatt u l-lingwi li jintużaw fil-komunikazzjoni;

b) il-modalitajiet għall-ammissjoni mill-ġdid bi proċedura aċċelerata;

c) il-kondizzjonijiet ta’ trasferimenti skortati, inkluż it-tranżitu ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi u persuni mingħajr stat li jkollhom skorta magħhom;

d) provi u evidenza addizzjonali ma’ dawk elenkati fl-Annessi 2 u 5 ta’ dan il-Ftehim.

(e) il-proċedura għall-intervisti prevista fl-Artikolu 9 ta’ dan il-Ftehim.

(f) fejn meħtieġ, arranġamenti speċifiċi dwar limiti ta’ żmien għall-ipproċessar ta’ applikazzjonijiet ta’ ammissjoni mill-ġdid skond l-Artikolu 11 (2) ta’ dan il-Ftehim.

(2) Il-Protokolli ta’ implimentazzjoni li saret referenza għalihom fil-paragrafu 1 ta’ dan l-Artikolu għandhom jidħlu fis-seħħ biss wara li jiġi notifikat il-Kumitat.

(3) Il-Federazzjoni Russa għandha taqbel li tapplika kull dispożizzjoni ta’ Protokoll ta’ implimentazzjoni konkluż ma' Stat Membru anki fir-relazzjonijiet tiegħu ma' xi Stat Membru ieħor, fuq talba ta' dan ta' l-aħħar u suġġett għall-fattibilità fil-prattika li japplika għall-Federazzjoni Russa. L-Istati Membri għandhom jaqblu li japplikaw kull dispożizzjoni ta’ Protokoll ta’ implimentazzjoni konkluż minn wieħed minnhom anki fir-relazzjonijiet tagħhom mal-Federazzjoni Russa, fuq talba ta' din ta' l-aħħar u suġ ġett għall-fattibilità fil-prattika li japplika għall-Istati Membri l-oħra.

Dan m’għandux japplika għad-dispożizzjonijiet b’arranġamenti speċifiċi li saret referenza għalihom fil-paragrafu 1 lit. (f) ta’ dan l-Artikolu.

Taqsima VIII. Dispożizzjonijiet Finali

Artikolu 21

Applikazzjoni territorjali

(1) Suġġett għall-paragrafu 2 ta’ dan l-Artikolu, dan il-Ftehim għandu japplika għat-territorju tal-Federazzjoni Russa u għat-territorju li fih japplika t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

(2) Dan il-Ftehim m’għandux japplika għat-territorju tar-Renju tad-Danimarka.

Artikolu 22

Annessi

L-Anness 1 sa 6 għandhom jiffurmaw parti integrali minn dan il-Ftehim.

Artikolu 23

Dħul fis-seħħ, tul u terminazzjoni

(1) Dan il-Ftehim għandu jiġi rratifikat jew approvat mill-Partijiet skond il-proċeduri interni tagħhom.

(2) Suġġett għall-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tat-tieni xahar wara d-data li fiha l-Partijiet jinnotifikaw lil xulxin li l-proċeduri li saret referenza għalihom fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ġew konklużi. Jekk din id-data hija qabel id-data li fiha jidħol fis-seħħ il-ftehim bejn il-Federazzjoni Russa u l-Komunità Ewropea dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi liċ-ċittadini tal-Federazzjoni Russa u ta' l-Unjoni Ewropea, dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ biss fl-istess data b ħal ta' l-aħħar.

(3) L-obbligi mfissra fl-Artikoli 3 u 5 ta' dan il-Ftehim għandhom jibdew japplikaw biss 3 snin wara d-data li saret referenza għaliha fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu. Matul dak il-perjodu ta' 3 snin, għandhom japplikaw biss għall-persuni mingħajr stat u ċittadini minn pajjiżi terzi li magħhom il-Federazzjoni Russa kkonkludiet trattati bilaterali jew arranġamenti dwar l-ammissjoni mill-ġdid.

(4) Dan il-Ftehim huwa konklużż għal żmien mhux limitat.

(5) Kull Parti Kontraenti tista tiddenunċja dan il-Ftehim billi tinnotifika l-Parti Kontraenti l-oħra. Dan il-Ftehim ma jibqax fis-seħħ sitt xhur wara d-data tal-wasal ta' din in-notifika.

Magħmul fi ..... fil- ..... ta' ..... fis-sena ..... f'żewġ kopji kull waħda biċ-Ċek, id-Daniż, l-Olandiż, l-Ingliż, l-Estonjan, il-Finlandiż, il-Franċiż, il-Ġermaniż, il-Grieg, l-Ungeriż, it-Taljan, il-Latvjan, il-Litwan, il-Malti, il-Pollakk, il-Portugiż, is-Slovakk, is-Sloven, l-Ispanjol u r-Russu, b'kull wieħed minn dawn it-testi awtentiku bl-istess mod.

Għall-Komunità Ewropea

(...)

Għall-Federazzjoni Russa

(...)

Anness 1 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Federazzjoni Russa dwar l-ammissjoni mill-ġdid



[Emblema tal-Federazzjoni Russa]

.....	.....
.....	.....
.....	.....
.....	.....……
.....……	..
……	

(Post u data)

.....
…….

(Ħatra ta' l-awtorità kompetenti ta' l-Istat li għamel it-talba)

Referenza: .....……

☐ **PROĊEDURA AĊ ĊELERATA**

Lil

.

……
……

……
……

(Ħatra ta' l-awtorità kompetenti ta' l-Istat li lilu saret it-talba)

1. APPLIKAZZJONI GĦALL-AMMISSJONI MILL-ĠDID

skond l-Artikolu 7 tal-Ftehim tal-..... bejn il-

Komunità Ewropea u l-Federazzjoni Russa dwar ammissjoni mill-ġdid

A. Dettalji Personali

Ritratt

1. Isem sħiħ (agħmel linja taħt il-kunjom):

.....……

2.Kunjom ix-xbubija:

.....……

3.Data u post tat-twelid:

.....……

4.Sess u deskrizzjoni fiżika (tul, kulur ta' l-għajnejn, marki ta' distinzjoni eċċ.):

…….....…….

5.Magħruf/a ukoll bħala (ismijiet preċedenti, ismijiet oħra wżati/li bihom magħruf/a jew psewdonimi):

.....…….....…….

6.Nazzjonalità u lingwa:

.....…….....……

Stat Ċivili (fejn possibbli)

miżżewweġ/a
mhux miżżewweġ/a
iddivorzjat/a
armel/armla

Jekk miżżewweġ/a isem tar-ragel/mara.....

7.Ismijiet u etajiet tat-tfal (jekk hemm)

……

……..…….....

…….

8.L-aħħar indirizz fl-Istat li għamel it-talba:

.....……..……

9.L-aħħar post ta’ residenza fl-Istat li lilu saret it-talba

……

B.Cirkostanzi speċjali dwar il-persuna li qed tiġi trasferita

1.Stat ta' saħħa

(Eż. referenza possibbli għal kura medika speċjali; isem latin tal-marda li tittieħed):

.....

2.Indikazzjoni ta' persuna partikolarment perikoluża

(eż. suspettata b'reat serju; imġiba aggressiva):

.....

C.Dokumenti ta' evidenza mehmuża

1..... .....

(Passaport Nru.) (data u post tal-ħruġ)

....

(Awtorità li toħroġ) (id-data meta jiskadi)

2..... .....

(Nru. tal-Karta ta' l-identità) (data u post tal-ħruġ)

....

(Awtorità li toħroġ) (id-data meta jiskadi)

3..... .....

(Nru. tal-liċenzja tas-sewqan) (data u post tal-ħruġ)

....

(Awtorità li toħroġ) (id-data meta jiskadi)

4..... .....

(Nru. ta' dokument uffiċjali ieħor) (data u post tal-ħruġ)

....

(Awtorità li toħroġ) (id-data meta jiskadi)

D.Osservazzjonijiet

.....

.....

.....

(Firma ta' l-awtorità kompetenti ta' l-Istat li għamel it-talba) (Siġill/timbru)

Anness 2 tal-Ftehim bejn

il-Komunità Ewropea u l-Federazzjoni Russa dwar l-ammissjoni mill-ġdid

lista ta' dokumenti

għall-prova dwar in-nazzjonalità

- passaporti ta' kull xorta tal-Federazzjoni Russa jew l-Istati Membri (eż. passaporti domesti ċi, passaporti barranin taċ-ċittadini, passaporti nazzjonali, passaporti diplomatiċi, passaporti ta' servizz u passaporti surrogati inklużi passaporti tat-tfal);
- ċertifikat għar-ritorn fil-Federazzjoni Russa;
- karti ta' l-identità nazzjonali ta' l-Istati Membri ta' l-UE;
- ċertifikati taċ-ċittadinanza jew dokumenti oħra uffiċjali li jsemmu jew jindikaw iċ-ċittadinanza (eż. ċertifikat tat-twelid);
- kotba tas-servizz u karti ta' l-identità militari;
- kotba tar-reġistrazzjoni tal-baħħar, karti ta' servizz ta' kaptan u passaporti tal-baħħara;

Anness 3 tal-Ftehim bejn

il-Komunità Ewropea u l-Federazzjoni Russa dwar l-ammissjoni mill-ġdid

lista ta' dokumenti

għal evidenza indiretta ta' nazzjonalità

ANNESS 3 A

– fotokopji uffiċjali ta' xi wieħed mid-dokumenti elenkati fl-anness 2 ta' dan il-Ftehim;

– stqarrijiet uffiċjali magħmula għall-iskop ta' proċedura aċċelerata, partikolarment, mill-impjegati ta' l-awtorità tal-fruntiera u xhieda li jistgħu jagħtu xhieda tal-persuna kkonċernata li qed taqsam il-fruntiera.

ANNESS 3 B

– liċenzji tas-sewqan jew fotokopji tagħhom;

– kull dokument uffiċjali ieħor maħruġ mill-awtoritajiet ta' l-Istat li lilu saret it-talba;

– karti ta' l-identità tal-kumpanija jew fotokopji tagħhom;

– stqarrijiet bil-miktub tax-xhieda;

– stqarrijiet bil-miktub magħmula mill-persuna kkonċernata u l-lingwa mitkellma minnu jew minnha, inklużi permezzs ta' riżultat ta' test uffiċjali.

Anness 4 tal-Ftehim bejn

il-Komunità Ewropea u l-Federazzjoni Russa dwar l-ammissjoni mill-ġdid

Lista ta’ dokumenti għall-evidenza għar-raġunijiet ta’

L-Ammissjoni mill-ġdid ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni mingħajr stat

viża valida u/jew awtorizzazzjoni ta’ residenza maħruġa mill-Istat li lilu saret it-talba;

– timbri tad-dħul/ħruġ jew approvazzjoni simili ta’ dokument ta’ vjaġġ tal-persuna kkon ċernata jew evidenza oħra tad-dħul/ħruġ (eż. fotografika, elettronika jew bijometrika).

Anness 5 tal-Ftehim bejn

il-Komunità Ewropea u l-Federazzjoni Russa dwar l-ammissjoni mill-ġdid

Lista ta' dokumenti għall-evidenza indiretta tal-kondizzjonijiet

Għall-ammissjoni mill-ġdid ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni mingħajr stat

ANNESS 5 A

– stqarrijiet uffiċjali magħmula għall-iskop ta' proċedura aċċelerata, partikolarment, mill-impjegati ta' l-awtorità tal-fruntiera u xhieda li jistgħu jixhdu dwar il-persuna kkonċernata li qed taqsam il-fruntiera;

ANNESS 5 B

– semmi l-biljetti ta' vjaġġi bl-ajru, bit-tren, bil-*coach* jew bil-baħar li juru l-preżenza u l-itinerarju tal-persuna kkonċernata mit-territorju ta' l-istat li lilu saret it-talba lejn it-territorju ta' l-Istat li għamel it-talba;

– listi ta' vjaġġi bl-ajru, bit-tren, bil-coach jew bil-baħar li juru l-preżenza u l-itinerarju tal-persuna kkonċernata mit-territorju ta' l-istat li lilu saret it-talba lejn it-territorju ta' l-Istat li għamel it-talba;

– biljetti kif ukoll ċertifikati u kontijiet ta' kull tip (eż. kontijiet tal-lukanda, karti ta' appuntamenti għat-tabib/dentist, karti tad-dħul f'istituzzjonijiet pubbliċi/privati eċċ.) li juru b'mod ċar li l-persuna kkonċernata kienet fit-territorju ta' l-Istat li lilu saret it-talba;

– stqarrijiet uffiċjali magħmula, partikolarment, mill-impjegati ta' l-awtorità tal-fruntiera u xhieda li jistgħu jixhdu li l-persuna kkonċernata qasmet il-fruntiera;

– stqarrija uffiċjali tal-persuna kkonċernata fi proċeduri ġuridiċi jew amministrattivi;

– deskrizzjoni tal-post u ċ-ċirkostanzi li fihom il-persuna kkonċernata kienet interċettata wara li daħlet fit-territorju ta' l-istat li għamel it-talba;

– informazzjoni li turi li l-persuna kkonċernata użat is-servizzi ta' kurrier jew aġenzija ta' l-ivvjaġġar;

– informazzjoni dwar l-identità u/jew preżenza tal-persuna pprovduta minn Organizzazzjoni Internazzjonali;

– rapporti/konferma ta' informazzjoni minn membri tal-familja, dawk li vvjaġġaw magħha eċċ;

– stqarrija mill-persuna kkonċernata;

Anness 6 tal-Ftehim bejn

il-Komunità Ewropea u l-Federazzjoni Russa dwar ammissjoni mill-ġdid



[Emblema tal-Federazzjoni Russa]

.....	.....
.....	.....
.....	.....
.....	.....
..……	....……
…	…

(Post u data)

.....…
……..

(Ħatra ta' l-awtorità kompetenti ta' l-Istat li għamel it-talba)

Referenza

.....……

Lil

.....…
……

.....…
……

(Ħatra ta' l-awtorità kompetenti ta' l-Istat li lilu saret it-talba)

APPLIKAZZJONI TA' TRANŻITU

skond l-Artikolu 15 tal-Ftehim tal-..... bejn

il-Komunità Ewropea u l-Federazzjoni Russa dwar l-ammissjoni mill-ġdid

A. Dettalji personali

Ritratt

1. Isem sħiħ (agħmel linja taħt il-kunjom):

.....

2.Kunjom ix-xbubija:

.....

3.Data u post tat-twelid:

.....

4.Sess u deskrizzjoni fiżika (tul, kulur ta' l-għajnejn, marki ta' distinzjoni eċċ.):

……
…….

5.Magħruf/a ukoll bħala (ismijiet preċedenti, ismijiet oħra wżati/li bihom magħruf/a jew aliases):

.....……
…….

6.Nazzjonalità u lingwa:

.....……
……..

7.Tip u numru tad-dokument tal-vjaġġ:

.....……

B.Ċirkostanzi speċjali dwar il-persuna li qed tkun trasferita

1.Stat ta' saħħa

(Eż. referenza possibbli għal kura medika speċjali; isem Latin tal-marda li tittieħed):

.....……
……

2.Indikazzjoni ta’ persuna partikolarment perikoluża

(eż. suspettata b’reat serju; imġiba aggressiva):

.....……
……

C. Operazzjoni ta’ tranżitu

1. Tip ta' tranzitu

❑ bl-ajru ❑ bil-baħar ❑ fuq l-art

2. Stat tad-destinazzjoni finali

……
…….

3.Stati oħra possibbli ta’ tranżitu

……
……

4.Punt propost fejn ser tinqasam il-fruntiera, data, ħin tat-trasferiment u persuni ta' skorta

……
……

……
……

5.Ammissjoni assigurata f’xi Stat ieħor ta’ tranżitu u fl-Istat tad-destinazzjoni finali (Artikolu 14 (2) ta’Ftehim bejn il-Federazzjoni Russa u l-Komunità Ewropea dwar l-ammissjoni mill-ġdid)

❑ iva ❑ le

6.Tagħrif dwar xi raġuni ta’ rifjut ta’ tranżitu (Artikolu 14 (3) tal-Ftehim bejn il-FederazzjoniRussa u l-Komunità Ewropea dwar ammissjoni mill-ġdid)

❑ iva ❑ le

D.Osservazzjonijiet

.....
……..

.....……
……..

.....

(Firma ta’ l-awtorità kompetenti ta’ l-Istat li għamel it-talba) (Siġill/timbru)

Dikjarazzjoni konġunta dwar l-Artikoli 2 (1) u 4 (1)

"Il-Partijiet Kontraenti jinnutaw li, skond il-ligijiet ta' nazzjonalità tal-Federazzjoni Russa u l-Istati Membri, mhuwiex possibbli għal ċittadin ta' l-Unjoni Ewropea jew tal-Federazzjoni Russa li jiġi mċaħħad min-nazzjonalità tiegħu jew tagħha.

Il-Partijiet jiftehmu li jikkonsultaw ma' xulxin fiż-żmien xieraq, jekk din is-sitwazzjoni legali tinbidel. "

Dikjarazzjoni konġunta dwar l-Artikoli 3 (1) u 5 (1)

"Il-Partijiet jiftehmu li persuna qed "*tidħol direttament*" mit-territorju ta' l-Istat li lilu saret it-talba fi ħdan it-tifsira tad-dispożizzjonijiet jekk tali persuna waslitx bl-ajru, fuq l-art, jew bil-ba ħar fit-territorju ta' l-Istat li għamel it-talba mingħajr ma daħlet f'pajjiż terz hi u tagħmel il-vjaġ ġ. Tranżitu tan-naħa ta' l-ajru f'pajjiż terz ma jkunx ikkunsidrat bħala dħul."

Dikjarazzjoni Konġunta dwar ir-Renju tad-Danimarka

“Il-Partijiet jinnutaw li dan il-Ftehim ma japplikax għat-territorju jew għaċ-ċittadini tar-Renju tad-Danimarka. F’dawn iċ-ċirkostanzi huwa xieraq li l-Federazzjoni Russa u r-Renju tad-Danimarka jikkonkludu ftehim ta' ammissjoni mill-ġdid fl-istess termini ta' dan il-Ftehim.”

Dikjarazzjoni Konġunta dwar ir-Repubblika ta' l-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja

"Il-Partijiet jinnutaw ir-relazzjoni mill-qrib bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' l-I żlanda u r-Renju tan-Norveġja, partikolarment bis-saħħa tal-Ftehim tat-18 ta' Mejju 1999 dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn il-pajjiżi fl-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-acquis ta' Schengen. F'dawn iċ-ċirkostanzi huwa xieraq li l-Federazzjoni Russa tikkonkludi ftehim ta' ammissjoni mill-ġdid mar-Repubblika ta' l-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja fl-istess termini ta' dan il-Ftehim."